**1 ta' Ġunju, 1988**

**Imħallfin: -**

**S.T.O. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. - President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Joseph Mifsud *et noe*

*versus*

Emanuel Mangion

**Għerusija - Danni - Reżiliment ta' Għerusija - Nullità ta' Sentenza - Motivazzjoni ta' Sentenza - Verġinità bħala Bażi ta' Reżiliment ta' Għerusija**

*F'kull sentenza għandhom qabel xejn jingħataw ir-raġunijiet li fuqhom il-Qorti tkun ibbażat id-deċiżjoni tagħha. Għalkemm huwa desiderabbli u rakkomandabbli li tingħata motivazzjoni aktar espliċita f'każi fejn ikun hemm ġà rapport peritali speċjalment meta jkun hemm punti legali li ġew ikkunsidrati, b'dana kollu, ġie kostantament ritenut li r-rekwiżit tal-motivazzjoni imposti bl-artikolu 218 tal-Kapitolu 12 ikun sodisfatt meta l-Qorti tiddikjara*

*li taqbel mar-raġunijiet mogħtija mill-perit legali. B'hekk l-istess raġunijiet mogħtija mill-perit legali jkunu saru tal-Qorti wkoll. Fil-prattika dan isir a skans ta' qabda repetizzjonijiet u ma jimportax in-nullità tas-sentenza.*

*Illi huwa paċifiku fil-ġurisprudenza tagħna li oltre għall-azzjoni derivanti mir-reżiliment inġust ta' l-għerusija bbażata fuq il-Proklama VI ta' 1834 hemm ukoll azzjoni għad-danni bbażata fuq il-prinċipju ġenerali ta' l-obbligazzjonijiet. L-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' verġinità u l-offerta ta' perizja medika ma tiswiex bħala raġuni ġusta u valida għat-tħassir ta' għerusija, u dana billi l-verġinità tista' tintilef mhux biss permezz ta' att sesswali iżda anki minħabba diversi fatturi oħra. Biex tirnexxi dina l-eċċezzjoni, għandhom jinġabu l-provi li l-għarusa kienet marret ma' xi rġiel oħra.*

Il-Qorti: –

Rat l-att ta' ċitazzjoni ppreżentat fil-Qorti Ċivili Prim'Awla li bih premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Peress illi l-konvenut kien għarus lill-attriċi Louise Mifsud għal żmien konsiderevoli;

Peress illi tul din l-għerusija l-atturi taw xi flus u rigali lill-konvenut u anke nkorrew fi spejjeż kif jiġi aħjar spjegat waqt il-kawża;

Peress illi dan l-aħħar il-konvenut inġustament u bla ebda raġuni valida fil-liġi, kiser din l-għerusija;

L-atturi talbu li din il-Qorti:

1. tiddikjara illi l-istess resiliment ta' l-għerusija in eżami

da parti tal-konvenut kien inġust u bla ebda raġuni valida;

2. konsegwentement tikkundanna lill-istess konvenut iħallas lill-atturi in linea ta' danni hekk sofferti dik is-somma li tiġi hekk likwidata minn dina l-Qorti okkorrendo permezz ta' periti nominandi;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Rat id-diukjarazzjoni ġuramentata u l-lista tax-xhieda ta' l-attur;

Rat l-eċċezzjoni tal-konvenut fis-sens:

1. Huwa ħassar l-għerusija għal raġuni valida u ġusta fil-liġi;

2. Illi mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, mhux veru li l-atturi nkorrew fi spejjeż, u fi kwalunkwe każ, kien l-eċċipjenti li nkorra fi spejjeż, apparti l-fatt li huwa għad għandu diversi affarijiet personali fil-pussess ta' l-atturi;

3. Ukoll mingħajr preġudizzju għall-ewwel u t-tieni eċċezzjoni, l-ammont li jista' eventwalment jiġi likwidat, għandu jiġi kkumpensat ma' ammonti u valuri oħra dovuti lill-eċċipjenti kif jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti Ċivili Prim'Awla tat-8 ta' Ottubru, 1986, li biha ddeċidiet il-kawża billi laqgħet it-talbiet attriċi u 1) iddikjarat illi l-istess reżiliment ta' l-għerusija in eżami da parti tal-konvenut kien inġust u bla ebda raġuni valida; u 2) ikkundannat lill-istess konvenut iħallas

lill-attriċi in linea ta' danni hekk sofferti s-somma ta' Lm1167.80,0, li l-Qorti llikwidat kif mitlub u dan wara li rat u kkunsidrat dan li ġej u ċjoè:

"Illi hija taqbel ma', taċċetta, u tagħmel tagħha l-konklużjonijiet tar-rapport peritali";

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut Emanuel Mangion ippreżentata fl-14 ta' Ottubru, 1986;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell tal-konvenut Emanuel Mangion ippreżentata fit-28 ta' Ottubru, 1986, li biha talab bir-rispett li din il-Qorti jogħġobha (1) fl-ewwel lok tannulla s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-8 ta' Ottubru, 1986, fl-ismijiet premessi minħabba li ma fihiex il-motivazzjoni u r-raġunijiet li fuqhom il-Qorti bbażat id-deċiżjoni tagħha kif rikjesti mill-art. 216 tal-Kap. 15 tal-Liġijiet ta' Malta, u (2) subordinatament tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjara li l-atturi ma għandhomx jieħdu xejn mingħand l-esponenti għar-raġunijiet kollha fuq esposti bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi appellati;

Rat ir-risposta ta' l-appell ta' l-atturi appellati ppreżentata fil-5 ta' Novembru, 1986;

Rat l-atti kollha relattivi u opportuni;

Ittrattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel Qorti kienet laqgħet it-talbiet ta' l-attriċi u dana

billi kif qalet fis-sentenza appellata, hija kienet "qablet ma', aċċettat u għamlet tagħha" l-konklużjonijiet tar-rapport peritali. L-appellant *jissottometti li dan ma jissodisfax* id-dispost ta' l-artikolu 216 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta billi l-Qorti ma tatx ir-raġunijiet tagħha *li wasluha* għall-konklużjoni minnha raġġunta;

Illi skond l-artikolu 216 (illum 218) tal-Kap. 12 fuq imsemmi, fis-sentenza għandhom qabel xejn jingħataw ir-*raġunijiet li fuqhom* il-Qorti tkun ibbażat id-deċiżjoni tagħha. Din il-kwistjoni ġà ġiet *deċiża minn din il-Qorti f'diversi* okkażjonijiet. Għalkemm huwa desiderabbli u rakkomandabbli li tingħata motivazzjoni aktar espliċita *f'każi fejn ikun hemm* ġà rapport peritali speċjalment meta jkun hemm punti legali li ġew ikkunsidrati, b'dana kollu, ġie kostantement ritenut li r-rekwiżit tal-motivazzjoni impost bl-imsemmi artikolu, jkun sodisfatt meta l-Qorti tiddikjara li taqbel mar-raġunijiet mogħtija mill-perit legali jkunu *saru tal-Qorti* wkoll. Fil-prattika dan isir a skans ta' qabda ripetizzjonijiet;

Illi t-tieni aggravju ta' l-appellant jikkonsisti fil-fatt li l-ewwel Qorti kienet iddeċidiet li r-reżiliment ta' l-għerusija da parti tal-*konvenut ma* kinitx għal raġuni ġusta u valida fil-liġi. Ir-raġuni mogħtija mill-konvenut kienet li hu ma kienx sab l-*attriċi* verġni;

*Omissis;*

Illi huwa paċifika fil-ġurisprudenza tagħna li oltre għall-azzjoni derivanti mir-reżiliment inġust ta' l-għerusija bbażata fuq il-Proklama VI tat-28 ta' Awissu, ta' l-1834 hemm anki azzjoni għad-danni. Din hija effettivament l-azzjoni esperita mill-attriċi fil-kawża odjerna u hija bbażata fuq il-prinċipji ġenerali

ta' l-obbligazzjonijiet. Il-konvenut isostni li r-raġuni mogħtija minnu għat-tħassir ta' l-għerusija hija waħda ġusta u valida fil-liġi. Jinkombi għalhekk lil din il-Qorti f'dan il-każ, li tara kienx hemm raġunijiet biżżejjed gravi da parti tal-konvenut li ntitolawh iħassar l-istess għerusija. (Ara Bellia vs Grech 26-5-58 Vol. XLII.II.1051 u Psaila *vs* Caruana 3-10-35 Vol. XXIX.II.656);

Illi r-raġuni tal-konvenut għar-reżiliment *"de quo"* hija li ma kienx sab lill-attriċi verġni. Il-kontendenti damu flimkien ċirka ħames snin. F'okkażjoni minnhom fil-bidu ta' Mejju, 1982, il-konvenut qalilha li kien xeba'. Xi ġranet wara, huwa kien bagħtilha ċ-ċurkett u xi affarijiet lura mal-Kappillan ta' Ħal-Safi. Sussegwentement l-attriċi saret taf li hu kellu wiċċ ħaddieħor. Jidher li l-ewwel darba li l-konvenut semma' l-kwistjoni tal-verġinità, kien meta huwa xehed fil-kawża;

Illi l-appellant donnu qed jippretendi li hemm l-ammissjoni taċita ta' l-attriċi mhux biss għall-allegazzjoni tiegħu tan-nuqqas ta' verġinità, iżda wkoll li dan ġie kkawżat minn xi konġunġiment karnali ma' xi ħadd ieħor qabel iltaqgħet miegħu. Rigward it-tħassir tiegħu ta' l-għerusija huwa xehed biss "L-għerusija ħassartha jiena, ħassart l-għerusija minħabba li lill-attriċi ma sibthiex verġni. Din hija l-unika raġuni tar-reżiliment". Il-kumplament ta'-xiehda tiegħu f'dan ir-rigward ingħatat kollha fil-kontro-eżami li sarlu. Il-konvenut qatt ma qal li l-attriċi kienet infidila lejh jew li qabel kienet tafu, kienet toħroġ ma' ħaddieħor u kellha konġunġiment karnali miegħu. Jidher li huwa qiegħed jiġbed dan mis-sempliċi fatt li kif jgħid hu, ma kienx sabha verġni. Huwa jallega wkoll li wara xi ftit xhur kellu x'jaqsam ma' l-attriċi u li baqgħu sejrin jagħmlu hekk qiesu darba fil-ġimgħa;

Illi l-attriċi li tat ix-xiehda tagħha qabel il-konvenut ma xehdet xejn dwar dan. Dan jista' jkun attribwibbli għall-fatt li sa dak in-nhar ma kinitx għadha taf f'hix kienet tikkonsisti r-raġuni vera tal-konvenut għat-tħassir ta' l-għerusija. In fatti l-vera raġuni tiegħu ma toħroġ la mill-eċċezzjoni u lanqas mid-dikjarazzjoni tiegħu għax kull ma semma fihom hu li kellu raġuni ġusta u valida. Jirriżulta wkoll li fil-kontro-eżami tagħha ma sarulha ebda domandi da parti tal-konvenut dwar l-allegata nuqqas ta' verġinità tagħha. Lanqas ma jirriżulta mill-provi li meta kien (kif jallega hu) sabha mhux verġni, huwa kien ilmenta magħha fuq din il-kwistjoni. Din il-kwistjoni ma qamet qatt bejniethom u l-kontendenti kienu baqgħu flimkien għal ċirka ħames snin u jidher li kienu kuntenti ħafna tant li kienu ġà ħasbu għall-post fejn imorru joqogħdu meta jiżżewwġu. L-inkwiet bejniethom jidher li nqala' meta fl-aħħar il-konvenut kellu wiċċ ħaddieħor;

Illi s-sentenza ċitata mill-perit legali fir-relazzjoni tiegħu qiegħda tiġi ċitata wkoll b'approvazzjoni minn din il-Qorti. Is-sentenza "Mifsud *vs* Bugeja" (Vol. XX.II.357) tgħid li l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' verġinità u l-offerta ta' perizja medika ma tiswiex u dan billi l-verġinità tista' tintilef mhux permezz ta' att sesswali iżda anki minħabba diversi fatturi oħra. Din l-istess sentenza qalet ukoll li "*perciò non si è mai inteso che nel contrarre sponsali la donna prometta, anche in sottinteso, di essere materialmente vergine, e nè anche s'è mai inteso che giusta causa di resilimento siasi ritenuto la cessazione dei segni suddetti,* **ma bensī** *la prova di congiungimento carnale con altri uomini, il quale fatto non si può desumere dalla cessazione suddetta, come pretende il convenuto*". Issa f'dan il-każ ma nġiebet ebda prova mill-konvenut li l-attriċi kienet marret ma' xi rġiel oħra. L-allegazzjoni tal-konvenut (apparti l-verità o meno tagħha) hija

biss li ma kienx sabha verġni u skond is-sentenza "Mifsud *vs* Bugeja" dan il-fatt waħdu ma jfisser xejn. Kwindi fil-fehma ta' din il-Qort r-raġuni għat-tħassir ta' l-għerusija *"de quo"* miġjuba mill-konvenut la hi ġusta u lanqas valida;

Illi hemm però ċirkostanza riżultanti mid-deposizzjoni ta' l-istess konvenut li hija assorbenti. Jidher minn din id-deposizzjoni tal-konvenut li qed jippretendi li hu nduna li l-attriċi ma kinitx verġni l-ewwel darba li kellu relazzjonijiet magħha u illi huwa kellu relazzjonijiet magħha fi kliemu stess, "qabel ma dħalt għandhom id-dar", jiġifieri qabel l-għerusija. Għalhekk anke kieku l-Qorti kellha taċċetta, għall-grazzja ta' l-argument, illi l-fatti kienu kif qed jippretendi l-konvenut, in-nuqqas ta' verġiunità ma kinitx xi ħaġa sopraġġunta għall-għerusija imma, dejjem skond ma jippretendi hu, kienet teżisti qabel l-għerusija u *di più* hu kien jaf biha qabel l-għerusija. Għalhekk anke kieku l-Qorti kellha taċċetta dak li qed jallega l-konvenut, l-istess eċċezzjoni tiegħu m'hix fondata;

Ikkunsidrat:

Illi l-appellanti jilmenta wkoll mill-mod kif saret il-likwidazzjoni tad-danni mill-perit legali. L-istess perit kien qasam id-danni sofferti mill-atturi f'żewġ kategoriji: a) fi flus imħallsa mill-attriċi biex inxtraw oġġetti dotali u b) fi flus u spejjeż minfuqin mill-attur għall-ikel u xorb ikkonsmat mill-konvenut. Rigward l-ewwel, l-appellant jissottometti li l-konklużjoni tal-perit legali fejn qal – li meta huwa kien ħa l-flus (Lm800) lura huwa kien qiesu tħallas lura l-flus li kien ħareġ biex jinxtraw l-affarijiet – m'hix korretta. Hu jsostni li ma jistax ikun li l-istess somma tkun imġemma' l-Bank u fl-istess ħin tintuża biex jinxtraw l-affarijiet. Rigward it-tieni kategorija l-appellant jidhirlu

li għandha ssir reviżjoni radikali minn din il-Qorti li għandha tirrispekkja l-ispejjeż veri li semmai ġew sopportati mill-attriċi;

Illi kwantu għal-likwidazzjoni tad-danni, il-Qorti, wara li eżaminat bir-reqqa r-relazzjoni peritali fid-dawl tal-provi, ma tarax li tista' taċċetta dik il-parti tagħha li biha akkordat lill-attriċi danni għall-oġġetti indikati fir-relazzjoni;

Illi ma jidhirx li l-attriċi jew missierha xehdu b'xi mod dwar dawn l-oġġetti. *Il-konvenut* xehed li hu kien jagħti lill-attriċi flus barranin biex jinxtraw dawk l-affarijiet. Il-flus ta' Lm800 kien jagħtihom lill-attriċi ġġemmagħhomlu "sa *kemm* jgħaqqad elf". Din il-parti tad-deposizzjoni tal-konvenut m'hix ikkontestata u l-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala m'għandhiex taċċettaha. Jidher għalhekk li meta l-attriċi tat lura lill-konvenut is-somma ta' Lm800 hija fil-fatt kienet qiegħda tirrifondilu dak li kien ħalla f'idejha ħalli jiġġemmgħu u *mhux* sehmu mill-ispejjeż għax-xiri *ta' l-imsemmija* oġġetti;

Illi l-konvenut xehed li dawn l-oġġetti kienu nxtraw bil-flus li hu kien jagħtiha u bis-somma ta' Lm5 fix-xahar li kienet toħroġ hi, u fin-nuqqas ta' provi in kuntrarju l-Qorti ma tarax li għandha tiddipartixxi mis-sottomissjoni tal-perit legali f'dan ir-rigward li l-kontribuzzjoni ta' l-attriċi u tal-konvenut għax-xiri ta' l-oġġetti kienet *nofs* kull wieħed;

Illi, billi l-oġġetti qegħdin jinżammu mill-attriċi hija għandha tirritorna lill-konvenut nofs il-valur tagħhom i.e. nofs Lm58 u Lm268 i.e. Lm163;

Illi kwantu għal-likwidazzjoni tad-danni relattivi għall-ikel u xorb, *il-Qorti ma tara* l-ebda *raġuni* biex *tiddipartixxi* mill-

konklużjoni peritali;

Illi għandu jiżdied li l-Qorti hi tal-fehma li l-kontribuzzjoni tal-konvenut fis-somma ta' Lm385.40, għandha tiżdied bis-somma ta' Lm12 li l-Qorti qiegħda tiffissa *arbitrio boni viri* u li hu żborsa għal sitt ċilindri gas u għalhekk din is-somma tiġi tammonta għal Lm397.40;

Illi l-Qorti tinnota wkoll li l-attriċi għażlet espressament li żżomm l-għamara;

Illi għalhekk fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq magħmula s-somma tad-danni stabbilita mill-perit legali u abbraċċjata mill-ewwel Qorti għandha tiġi varjata b'mod illi d-danni jiġu likwidati fis-somma ta' Lm387.40;

*Omissis;*

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiddeċidi billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi fil-waqt li tikkonfermaha in kwantu ddikjarat li r-reżiliment ta' l-għerusija in eżami da parti tal-konvenut kien inġust u bla ebda raġuni valida, tirriformaha in kwantu kkundannat lill-konvenut iħallas lill-atturi in linea ta' danni s-somma ta' Lm1167.80, billi minflok tillikwida d-danni fis-somma ta' Lm387.40, u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi l-imsemmija somma ta' Lm387.40, in linea ta' danni. L-ispejjeż ta' l-ewwel istanza jitħallsu mill-konvenut mentri l-ispejjeż ta' din it-tieni istanza jitħallsu kwantu għall-$^{3}/_{8}$ mill-atturi u kwantu għall-$^{5}/_{8}$ mill-konvenut.